# ILWIERREJ


| | Fehim mill-qari | pġ. | Fehim mis-smigħ | pġ. |
|---|---|---|---|---|
| **1 L-annimali** | Il-ħolma ta' Nanà | 4 | Iż-żiemel tal-baħar | 11 |
| **2 It-temp** | Ir-rapport tat-temp | 15 | Il-ħrafa tax-xemx u r-riħ | 21 |
| **3 Festi u ċelebrazzjonijiet** | F'għeluq sninek | 25 | Il-festa tar-raħal | 30 |
| **4 Il-familja tiegħi** | Il-familja tiegħi | 33 | Ħaġa tassew stramba | 38 |
| **5 Il-fantasija** | Rebus Totall | 41 | Il-kamra tal-kotba | 46 |
| **6 L-ispazju** | L-ixjeħ persuna fl-ispazju, sittin sena tard | 50 | Il-pjaneta mhix pjaneta | 55 |
| **7 L-isport** | Skola Sport għas-sajf | 58 | Il-krozzi ta' Abdul | 64 |
| **8 It-teknoloġija** | Gwerra kontra l-magna tal-ħasil | 67 | It-teknoloġija tal-antik | 72 |
| **9 Is-saħħa** | Imħabba u ħlewwiet | 76 | Kif għandna nieħdu ħsieb saħħitna | 81 |
| **10 Inħaddmu moħħna** | Taħbiliet | 84 | Iċ-ċawlun u l-ġarra | 87 |
| **11 Ix-xogħlijiet** | Meta nikber ... | 90 | X'inhu xogħli? | 95 |
| **12 Bil-ġwienaħ** | Fis-siegħa faqqas dudu | 98 | Piksi | 104 |

# 1 L-annimali



FEHIM MILL-QARI

QABEL ILLQARI

**Ara l-filmat u isma' l-kanzunetta Fir-razzett:**

merlinpublishers.com/filmati/teleskopju-4/

**Niddiskutu:**

1. Agħmel lista ta' annimali li jissemmew fil-kanzunetta.
2. Semmi ħames annimali oħra li nsibu fir-razzett.

AQRA

## Il-ħolma ta' Nanà

Nanà għalliema imma dejjem kellha ħolma. Minn mindu kienet żgħira kienet tħobb iż-żwiemel u xtaqet li jkollha għalqa fejn trabbi wieħed jew tnejn. Għajnejha kienu jixegħlu meta lill-istudenti kienet tirrakkontalhom dwar din ix-xewqa tagħha. (par. 1)

Illum xi mkien l-Imġarr hemm għalqa ċkejkna bix-**xatba** tal-injam. Xħin tidħol jilqgħek Tikek, il-kelb ta' Nanà, jifraħ bik u jferfer denbu. Hemm gallinar mimli tiġieġ u sriedaq u żewġ mogħżiet b'ġolġol kbir m'għonqhom, Ġin u Tonton. Hemm ukoll xi tużżana papri li l-hena



tagħhom iċafċfu fil-vaska. Imbagħad fl-istalel tagħhom tara lil Faħma u Silġa, żiemel iswed anzjan u debba bajda **l-ġmiel tagħha**. Fi stalla oħra hemm Poninu, il-**fessud** ċkejken ta' Nanà. Iħobb jitfissed u jieħu gost meta tippettnalu xagħru **lewn** il-kafè bil-ħalib. (par. 2)

F'kantuniera minnhom Nanà tiżra' xi ful, brokkoli u pastard, u ftit ħass biex titimgħu lill-papri. La tkunu għaddejjin minn qalb l-għelieqi fl-Imġarr, iftħu għajnejkom sewwa. Forsi **tilmħu** din l-għalqa ċkejkna li permezz tagħha l-ħolma ta' Nanà saret realtà. (par. 3)

## A. Immarka veru jew falz ✓

| | Veru | Falz |
|---|---|---|
| 1. Nanà tagħmel xogħol ta’ għalliema. | ☐ | ☐ |
| 2. Meta kienet tifla kienet tħobb iż-żwiemel. | ☐ | ☐ |
| 3. Nanà xtaqet li jkollha għalqa biex trabbi l-ħnieżer. | ☐ | ☐ |
| 4. L-istudenti ta’ Nanà ma kinux jafu bix-xewqa tagħha. | ☐ | ☐ |

## B. Qabbel skont it-tifsira.

| | | |
|---|---|---|
| 1. xatba | ☐ | taraw |
| 2. il-ġmiel tagħha | ☐ | kulur |
| 3. fessud | ☐ | sabiħa ħafna |
| 4. lewn | ☐ | grada |
| 5. tilmħu | ☐ | iħobb il-fsied |

## Ċ. Aqta’ linja taħt it-tweġiba t-tajba.

1. Tikek hu (l-kelb, ż-żiemel, l-papru) ta’ Nanà.
2. It-tiġieġ u s-sriedaq jgħixu (ġo vaska, wara x-xatba, ġo gallinar).
3. (Faħma u Silġa, Tikek u Poninu, Ġin u Tonton) għandhom ġolġol imdendel m’għonqhom.